Minuti tal-Laqgħa Nru. 24 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar it-Tlieta 25 t' April 2017 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sra. Denise Cutajar<br>Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur Eric Camilleri |
| Skużat | Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Miżura 4.3-Resurfacing ta' Sqaqien
5. Monument tal-Gwerra
6. Attivita Jum Ħal Luqa
7. Tenders
8. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
9. Aġġornament

**Is-Sindku semma li l-Kunsilliera Camilleri Schembri kienet infurmatu li hija kellha tattendi għall attivita politika li ssejħet malajar. Il-Kunsilliera raw li din kienet ġustifikata.**

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsillier Caruana semma li punt 8.5 ma kienx semmieh fil-minuti ta' qabel.

1.2 Il-minuti kienu approvatti, bħala proponent kien hemm il-Kunsilliera Lucia Massa u ssekondant il-Kunsillier Kearon Bruno.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana semma li fuq punt 8.6 il-Kunsillier Caruana qal proset fuq il-miżuri li kienu ittieħdu.

2.2 Il-Kunsillier Caruana semma li quddiem il-Bon Chocolat hemm bollard milquta u oħra fi Triq San Ġorġ, Triq Dun Pawl k/m Pjazza Sant' Andrija. Is-Segretarju qal li huwa se jikkordina mal-ħaddiema biex dawn jiġu irranġatti.

2.3 Il-Kunsillier Caruana semma li fuq punt 2.1 kif konna bqajna fuq il-barriers jekk dawn kinux waslu. Is-Segretarju qal li kellu xi kwotazzjonijiet.

2.4 Il-Viċi Sindku saqsiet fuq il-mera li kellha ssir fi Triq Sir Ugo Mifsud fuq Triq l-Iskola u anki kellha ssir tabella tal-ħmieġ tal-klieb fi Triq Ħal Saflieni. Is-Segretarju qal li se jiċċekkja mal-kuntrattur li jipprovdilna dawn l-affarijiet.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li fejn hemm l-OK Bar biex isiru sinjali tal-Islow u sleeping policeman u li tkun viċin tal-istage.

3.2 Il-Kunsillier Caruana qal li hemm bozza fi Triq Sir Ugo Mifsud li għandha bżonn tinbidel peress li għandha s-shade li swied.

3.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk konniex se nagħtu xi ħaġa lit-team tal-futbol fl-okkażżjoni tal-kwalifika li kellhom fit-tieni diviżjoni. Is-Sindku qal li minn naħa tiegħu kien diġa ħa ħsieb kollox u anki rrefera għall assistenza kif kienet tingħata lilhom fis-snin ta' qabel.

3.4 Is-Sindku semma li kellna invit li wasal minn naħa tar-Reġjun tan-Nofsinhar fuq konferenza li se ssir apposta fuq il-funzjonijiet tar-Reġjuni fit-13 ta' Mejju.

3.5 Is-Sindku semma li kellna invit minn naħa tal-Iskola Primarja ta' Ħal Luqa sabiex nattendu għall premjazzjoni.

3.6 Is-Sindku qara email li ġiet minn naħa tal-Aġenzija taż-Żgħażagħ biex jekk il-Kunsill ikun interessat jwaqqaf Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

3.7 Is-Sindku qara stedina fuq konferenza anwali li kienet se ssir mill-NCPE.

## 4.0 MIŻURA 4.3-RESURFACING TA' SQAQIEN

4.1 Is-Sindku semma li fuq il-miżura 4.3 aħna konna applikkajn u daħħalna kollox fil-ħin. Huwa semma li għall dan il-proġett se jsir Sqaq il-Karmnu Nru 4 fil-maġġoranza tiegħu bil-konkos peress li dan hemm ħafna minnu li huwa fi stat ħażin.

## 5.0 MONUMENT TAL-GWERRA

5.1 Is-Sindku qal li x-xogħol fuq il-Monument tal-Gwerra kien miexi sew minn naħa ta' Twanny Ellul. Huwa qal li anki konna applikajna għall permessi minn naħa tal-Awtorita tal-Ippjanar. Huwa qal li minn naħa tagħna issa irridu naraw meta huwa l-aħjar żmien meta se norganiżżaw din l-attivita.

## 6.0 ATTIVITA JUM ĦAL LUQA

6.1 Is-Sindku semma li fl-okkażżjoni ta' Jum Ħal Luqa irridu nagħżlu persuna li tista tingħata Ġieħ Ħal Luqa. Il-Kunsilliera Massa bdiet isemmi lis-Sindku. Is-Segretarju talab lis-Sindku biex ikun jista joħroġ mill-kamra peress li deher li kien se jkun diskuss hu.

6.2 Il-Kunsilliera Massa u l-Kunsillier Camilleri semmew li tkun ħaġa xierqa jekk is-Sindku jingħata Ġieħ Ħal Luqa din is-sena. Il-Kunsilliera preżenti ilkoll qablu ma din il-proposta.

6.3 Il-Kunsillier Caruana semma li għalkemm huwa jaqbel li dan jingħata Ġieħ Ħal Luqa ma jixtieqx li din isservi ta' ħsara kemm għalih u għat tifel tiegħu speċjalment għall karriera tiegħu. Il-Viċi Sindku qalet li kieku dan fil-preżent mhuwiex f' din il-pożizzjoni din ma kinitx taffettwah. Il-Kunsilliera saqsew jekk kienx hemm xi parametri dwar minn jista jingħata Ġieħ Ħal Luqa. Is-Segretarju qal li parametri qatt ma kien hemm.

6.4 Il-Kunsillier Caruana ippropona lill-Kappillan biex jingħata Ġieħ Ħal Luqa peress li l-Viċi kien diġa ingħata. Il-Kunsilliera Massa issekkondatu.

6.5 Il-Kunsillier Bruno ippropona lit-team tal-futbol biex jingħata Ġieħ Ħal Luqa. Il-Kunsillier Camilleri issekondah.

6.6 Il-Kunsilliera preżenti qallu li huma lkoll jaqblu fil-prinċipju li s-Sindku jingħata Ġieħ Ħal Luqa imma bħalissa mhux il-mument opportun billi kienet ġejja l-Elezzjoni . Huma qallu li d-darba li ġejja ikun immiss li tingħata lilu Ġieħ Ħal Luqa.

6.7 Is-Sindku reġa daħal lura fil-kamra peress li kien eżawrit l-argument rigward lilu. Il-Kunsilliera Massa tatu briefing ta x' kien l-argument u dwar il-proposta li ressqet hi biex jkun nominat għall Ġieħ Ħal Luqa. Is-Sindku irringrazzja lill-Kunsilliera preżenti ta dan il-ħsieb li riedu jonorawh b' dan il-mod.

6.8 Il-Kunsillier Caruana semma li huma kienu ssuġġerrew biex jingħata Ġieħ Ħal Luqa lill-Kappillan u lit-team tal-football peress li din is-sena kellhom il-promozzjoni fit-tieni diviżjoni. Is-Sindku qal li huwa kien se javviċina lil dawn l-entitajiet u jgħidilhom dwar il-ħsieb tal-Kunsill.

## 7.0 TENDERS

7.1 Is-Segretarju semma li s-sistema fuq kif jkunu sottomessi t-tenders kienet inbidlet u issa kollox irid isir bis-sistema tal-computer. Huwa qal li issa l-kuntratturi jdaħħlu t-tenders mis-sistema u anki l-ftuħ tagħhom irid isir minn hemm. Huwa qal li għall dan il-għan irid ikun hemm żewġ kunsilliera apposta li jkunu opening staff biex meta jagħlaw il-ħin tat-tenders.

7.2 Is-Sindku saqsa minn huwa interessat mill-Kunsilliera biex ikun opening staff. Is-Sindku għażel lill-Kunsillier Bruno u l-Kunsillier Camilleri biex ikunu opening staff.

7.3 Is-Segretarju qallhom li issa jridu jiltaqgħu biex jispjegalhom kif se titħaddem il-proċedura tagħhom.

## 8.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

8.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq il-ħlasijiet.

## 9.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 25 t' April 2017 fis-6.15 pm. Kien hemm il-ġurnata tat-30 ta' Mejju 2017 proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2017.

________________________ ________________________

John Schembri — Sindku

Michael Portelli — Segretarju Eżekuttiv